REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 202/2009

tas-16 ta' Marzu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 600/2005 fir-rigward tal-użu tal-preparazzjoni ta' *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 f'għalf kompost li fih il-lasalocid sodium

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġuni u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.

(2) Il-preparazzjoni ta' *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750, li jagħmlu parti mill-grupp ta' "mikroorganiżmi", kienet awtorizzata mingħajr limitu ta' żmien b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE [2] bħala additiv għall-għalf għall-użu minn ħnieżer nisa bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1453/2004 [3], għall-użu mid-dundjani għat-tismin u l-għoġġiela sa tliet xhur bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2005 [4] li kien sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2028/2006 , għall-użu mill-ħnieżer għat-tismin u l-ħnienes permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/2004 [5], għall-użu mill-ħnieżer għat-tismin u l-ħnienes permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/2004 [6]. Dan l-additiv wara ddaħħal fir-Reġistru Komunitarju tal-Addittivi fl-Għalf bħala prodott eżistenti, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Bi qbil mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għal emenda tal-awtorizzazzjoni għal din il-preparazzjoni biex tippermetti l-użu tagħha fl-għalf għad-dundjani għat-tismin li fih il-coccidiostat lasalocid sodium. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa mill-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sugurtà fl-Ikel, fl-opinjoni tagħha tat-22 ta' Ottubru 2008 ikkonkludiet li ġiet stabbilita l-kompatibbiltà tal-preparazzjoni tal-addittiv *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 mal-lasalocid sodium [7].

(5) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 huma sodisfatti.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 600/2005 għaldaqstant għandu jiġi emendat kif inhu xieraq.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 600/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[2] ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva tħassret bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
[3] ĠU L 269, 17.8.2004, p. 3.
[4] ĠU L 99, 19.4.2005, p. 5.
[5] ĠU L 414, 30.12.2006, p. 26.
[6] ĠU L 370, 17.12.2004, p. 24.
[7] L-Opinjoni tal-Bord Xjentifku dwar Addittivi u Prodotti jew Sustanzi wżati fl-Għalf tal-Annimali (il-FEEDAP) fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kompatibbiltà tal-prodott mikribjali Bioplus 2B (*Bacillus licheniformis* u *Bacillus subtilis*) mal-lasalocid sodium. *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2008) 841, p. 1-7.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 600/2005 id-daħla għal E 1700, *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru KE	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf shih			
Mikroorganiżmi								
"E 1700	*Bacillus licheniformis* DSM 5749 *Bacillus subtilis* DSM 5750 (fi proporzjon ta' 1/1)	Taħlita ta' *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 li fiha minimu ta' $3,2 \times 10^9$ CFU/g addittiv ($1,6 \times 10^9$ ta' kull batterju)	Dundjani għat-tismin	—	$1,28 \times 10^9$	$1,28 \times 10^9$	Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandhom jinħażnu, kemm jistgħu jdumu maħżuna u l-istabbilità għall-pelleting. Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-coccidiostats: diclazuril, halofuginone, monensin sodium, robenidine, maduramicin ammonium and lasalocid sodium.	Mingħajr limitu ta' żmien
			Għoġġiela	3 xhur	$1,28 \times 10^9$	$1,28 \times 10^9$	Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita preliminari, indika t-temperatura għall-ħżin, il-perjodu tal-ħżin, u l-istabbilità għall-pelleting.	Mingħajr limitu ta' żmien"